

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-20 ta' Settembru 2012 — L-Ungerija vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-89/10) <sup>(1)</sup>

**(“Fondi strutturali — Għajnuna finanzjarja — Awtstraħda M43 bejn Szeged u Makó — VAT — Nefqa mhux eliġibbli”)**

(2012/C 343/20)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

**Partijiet**

Rikorrenti: L-Ungerija (rappreżentanti: inizjalment J. Fazekas, K. Szíjjártó u M.Z. Fehér, sussegwentement M.Z. Fehér u K. Szíjjártó, aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Triantafyllou, V. Bottka u A. Steibltyé, aġenti)

**Suġġett**

Rikors għal annullament ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tal-14 ta' Diċembru 2009, dwar il-proġett maġġguri intitolat “Awtstraħda M43 bejn Szeged u Makó”, fil-kuntest tal-programm operattiv “Trasport” li jipprevedi ghajjnuna strutturali tal-Unjoni Ewropea fil-kuntest tal-objettiv “Konverġenza”, permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u tal-Fond ta' Koejjeni (CCI 2008HU161PR016)

**Dispożittiv**

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) L-Ungerija hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 100, 17.4.2010.

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tas-26 ta' Settembru 2012 — Franza vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-154/10) <sup>(1)</sup>

**(“Għajnuna mill-Istat — Għajna allegatament implementata minn Franza fil-forma ta' garanzija impliċita illimitata favur La Poste li tirriżulta mill-istatus tagħha ta' entità pubblika — Deċiżjoni li tiddikkjara l-ghajjnuna inkompatibbi mas-suq intern — Rikors għal annullament — Interess ġuridiku — Ammissibbiltà — Oneru tal-prova tal-eżistenza ta' għajjnuna mill-Istat — Vantaġġ”)**

(2012/C 343/21)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: inizjalment E. Belliard, G. de Bergues, B. Beaupère-Manokha, J. Gstalter u S.

Menez, sussegwentement E. Belliard, G. de Bergues, J. Gstalter u S. Menez, aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Stromsky u D. Grespan, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/605/UE, tas-26 ta' Jannar 2010, dwar l-ghajjnuna mill-Istat C 56/07 (eks E 15/05) mogħtija minn Franza lil La Poste (ĠU L 274, p. 1).

**Dispożittiv**

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Ir-Repubblika Franċiża hija kkundannata għall-ispejjeż

<sup>(1)</sup> ĠU C 161, 19.6.2010.

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tas-26 ta' Settembru 2012 — LIS vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-269/10) <sup>(1)</sup>

**(“Dumping — Importazzjoni ta' bozoz florellxenti elettroniċi kumpatti u integrati li joriġinaw miċ-Ċina — Talba għarrimbor ta' dazji imħallsa — Artikolu 11(8) tar-Regolament (KE) Nru 384/96 (li sar Artikolu 11(8) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009) — Kundizzjonijiet — Prova”)**

(2012/C 343/22)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: LIS GmbH Licht Impex Service (Mettmann, il-Ġermanja) (rappreżentanti: K.-P. Langenkamp, G. Hebrant u G. Holler, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: H. van Vliet u T. Maxian Rusche, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2010) 2198 finali tal-Kummissjoni tat-12 ta' April 2010 dwar talbiet għarrimbor ta' dazji antidumping imħallsa fuq l-importazzjoni ta' bozoz florellxenti elettroniċi kumpatti u integrati li joriġinaw miċ-Ċina.

**Dispożittiv**

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) LIS GmbH Licht Impex Service hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 234, 28.8.2010.